

EUROPE @ SCHOOL



LEZZJONIJIET ATTIVI DWAR L-UNJONI EWROPEA

Manwal għall-għalliema

L-AWTUR

Din l-għodda edukattiva kienet oriġinarjament magħmula u aġġornata mill-organizzazzjoni edukattiva bla skop ta' lukru Belġjana [Europe House Ryckvelde](#) fuq talba tal-Parlament Ewropew.

KUNTATT

Ikkuntattja l-uffiċċju ta' kollegament tal-Parlament Ewropew f'pajjiżek għal aktar informazzjoni: www.europarl.europa.eu/at-your-service/mt/stay-informed/liaison-offices-in-your-country.

VERŻJONIJIET LINGWISTIĊI

Original: EN

Traduzzjonijiet: il-lingwi uffiċjali kollha tal-UE.

Lingwa ta' din il-verżjoni: MT

Dawn id-dokumenti huma disponibbli online fuq europarl.europa.eu/ambassador-school

DIKJARAZZJONI TA' ĊAĦDA TA' RESPONSABBILTÀ

L-għodda edukattiva "Europe@school - Lezzjonijiet attivi dwar l-Unjoni Ewropea" kienet żviluppata biex tgħalliem lill-istudenti dwar l-UE. Il-grupp fil-mira ewlieni tagħha huwa ġeneralment studenti li għandhom bejn 14 u 18-il sena u l-istudenti tal-edukazzjoni sekondarja vokazzjonali fl-Istati Membri kollha tal-UE. L-għan ta' din l-għodda huwa edukattiv, il-bażi unika għall-għażliet dwar il-kontenut u l-metodoloġiji. Il-kontenut ta' dan id-dokument huwa r-responsabbiltà tal-awtur tiegħu u kwalunkwe opinjoni espressa fih mhux bilfors tirrifletti l-pożizzjoni uffiċjali tal-Parlament Ewropew.

Aġġornament tal-għodda edukattiva li tlestiet f'April 2020. Brussell © L-Unjoni Ewropea, 2020.

DWAR “EUROPE@SCHOOL – LEZZJONIJIET ATTIVI DWAR L-UNJONI EWROPEA”

KUNĊETT: X’INHI “EUROPE@SCHOOL”?

L-għodda edukattiva f’“Europe@school – Lezzjonijiet attivi dwar l-Unjoni Ewropea” inizjalment ġiet żviluppata biex toffri lill-iskejjel fil-programm “Skola Ambaxxatriċi tal-Parlament Ewropew” għodda edukattiva biex permezz tagħha l-istudenti jittgħallmu dwar l-Unjoni Ewropea b’mod attiv. **Fiha lezzjonijiet imfassla apposta li huma utli, effettivi u attraenti u mfassla biex jgħallmu l-istudenti ta’ bejn l-14 u t-18 sena dwar l-UE.**

L-għan huwa li jiġi garantit li l-iskejjel kollha fl-Ewropa jkollhom l-għodod biex jgħallmu lill-istudenti dwar id-demokrazija parlamentari Ewropea u l-informazzjoni meħtieġa **biex jipparteċipaw u jinvolvu ruħhom fl-attivitajiet taż-żgħażaġħ tal-Parlament Ewropew.** Il-materjal jista’ naturalment jintuża għal udjenza usa’.

Approċċ modulari u metodoloġiji attivi

Dan il-materjal kien popolari mal-istudenti u l-għalliema, bis-saħħa tal-għażla ta’ **metodoloġiji attivi, inkluż logħob edukattiv, logħba ta’ simulazzjoni tar-rwoli u eżerċizzji ta’ dibattitu.** Fil-fatt, ir-riċerka wriet li t-tagħlim ibbażat fuq l-esperjenza huwa strateġija ta’ tagħlim konvolġenti b’impatt kbir.

Il-moduli kollha tal-materjal jistgħu jintużaw separatament. Bħala għalliem, int liberu li tagħżel il-modulu (jew moduli) li jikkorrispondu bl-aħjar mod għall-istudenti tiegħek u għall-kurrikulu tagħhom.

Barra minn hekk, fi tmiem dan il-manwal għall-għalliema tista’ ssib lista ta’ riżorsi ta’ tagħlim komplementari, li jsegwu approċċ attiv simili.

Abbażi tal-prinċipji edukattivi

“Europe@school” ġiet żviluppata skont numru ta’ **prinċipji edukattivi** b’saħħithom. Il-prinċipji jiggarantixxu li l-materjal huwa kreattiv u solidu u għandu impatt reali:

- **Imfassla apposta għall-grupp fil-mira:** “Europe@school” ġiet żviluppata għal studenti li għandhom bejn l-14 u t-18-il sena madwar l-Unjoni Ewropea. Peress li dan huwa grupp fil-mira mifruq, għie meqjus li l-aħjar jintuża approċċ modulari: l-għalliema jagħżlu l-kompiti li jikkorrispondu bl-aħjar mod għall-ħtiġijiet edukattivi tal-istudenti tagħhom.
- **Lesta biex tintuża:** il-materjal jista’ jintuża minnufih fil-klassi u huwa faċli għall-udent.
- **L-għalliema u l-partijiet interessati kienu involuti** fl-iżvilupp ta’ dawn ir-riżorsi ta’ tagħlim. Il-materjal għie ttestjat u użat minn skejjel li huma parti mill-programm “Skola Ambaxxatriċi tal-Parlament Ewropew”.
- **Kontemporanja:** “Europe@school” tuża midja kontemporanja u hija aġġornata.

- **Newtrali:** L-informazzjoni hija ppreżentata b'mod newtrali. L-istudenti huma liberi li jiformaw l-opinjoni tagħhom stess.
- **Kreattiva u motivanti:** "Europe@school" tuża metodoloġiji attivi u moderni li jimmotivaw lill-għalliema u lill-istudenti wkoll biex jaħdmu fuq it-tema tal-"Ewropa" fil-klassi u fl-iskola.

"Europe@school" tinkorpora approċċ pedagoġiku ċar u mudell tat-tkabbir għat-tagħlim dwar l-Ewropa fl-iskola, li jikkorrispondu għad-Dikjarazzjoni ta' Pariġi tal-UE (2015) li ssejjaħ għat-tisħiħ tar-rwol tal-edukazzjoni fil-promozzjoni taċ-ċittadinanza u tal-valuri komuni tal-UE: *"L-iskop primarju tal-edukazzjoni mhux biss li tiżviluppa l-għarfien, il-ħiliet, il-kompetenzi u l-attitudnijiet u li tinkorpora valuri fundamentali, iżda li tgħin ukoll liż-żgħażaġħ isiru membri attivi, responsabbli u b'moħħ miftuħ tas-soċjetà."*

MODULI EUROPE@SCHOOL

1. Kwizz online dwar l-Unjoni Ewropea

- Linji Gwida għall-għalliema
- Il-kwizz online

2. L-Istati Membri tal-UE:

- Linji Gwida għall-għalliema
- Logħba edukattiva
- Preżentazzjoni

3. L-istorja u l-fatti tal-UE:

- Linji Gwida għall-għalliema
- Logħba edukattiva
- Preżentazzjoni
- Skeda ta' żmien - li tista' tiġi stampata - tal-proċess tal-integrazzjoni Ewropea (2):
 - Minn 6 għal 27 Stat Membru
 - Mill-faħam u l-azzar għal munita komuni u aktar

4. L-UE fil-ħajja tagħna ta' kuljum:

- Linji Gwida għall-għalliema
- Logħba edukattiva
- Preżentazzjoni

5. Il-valuri tal-UE:

- Linji Gwida għall-għalliema
- Logħba edukattiva
- Eżerċizzju ta' dibattitu b'dikjarazzjonijiet

6. Logħba ta' simulazzjoni tar-rwoli tal-Parlament

- Linji Gwida għall-għalliema
- Il-logħba ta' simulazzjoni tar-rwoli b' għażla ta' ħames temi rilevanti
- Preżentazzjoni għall-evalwazzjoni tal-eżerċizzju

7. Il-litteriżmu medjatiku

(Dan il-modulu kien żviluppat mill-Parlament Ewropew, mhux mill-awtur tal-moduli l-oħra.)

- Logħba edukattiva
- Preżentazzjoni

8. Manwal ġenerali għall-għalliema (dan id-dokument)

RIŻORSI TA' TAGĦLIM KOMPLEMENTARI

1. L-UNJONI EWROPEA INĠENERALI

- **L-UE fi slides:** europa.eu/european-union/documents-publications/slide-presentations_mt
- **Logħba online dwar l-UE fil-ħajja tagħna ta' kuljum:** www.the12differences.eu
- **Il-kwizz ġenerali online** tal-Parlament Ewropew **dwar l-UE u l-Parlament Ewropew** (twil 15-il minuta): www.elezzjonijiet-ewropej.eu/kwizz
- Fuljett: L-UE u jien: op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/955ebbf-4366-11ea-b81b-01aa75ed71a1
- Kwizz online l-UE u jien. europa.eu/learning-corner/quiz_mt

2. IL-VALURI TAL-UE:

- **Il-kwizz online** tal-Parlament Ewropew **dwar id-drittijiet tal-bniedem** (10–15-il minuta): www.europarl.europa.eu/news/mt/headlines/society/20191205STO68454/quiz-how-much-do-you-know-about-human-rights-in-the-eu

3. FEJN ISSIR RIŻORSI EDUKATTIVI OĦRA

- Dar l-Istorja Ewropea historia-europa.ep.eu/mt/edukaturi-u-ghalliema
- Rokna tat-Tagħlim: europa.eu/learning-corner/home_mt